# MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta 16 ta' Settembru, 2016

**Talba Numru: 835/2012AM3**
**Lista Numru: 26**

**IAS Ltd**
**11, Triq Hal Sajd,**
**Zebbug,**
**Malta.**

**Vs**

**Mario Gauci ( K.I. numru:- 605253M)**
**Punentina, Triq il-Prekursur,**
**Tal-Ibragg.**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-Socjeta' attrici li permezz taghha t-Tribunal gie mitlub jikkundanna l-konvenut ihallasha s-somma ta' hames mija u tmienja u sebghin ewro u ghoxrin centzmu (€578.20c) l-imghaxijiet bl-applikazzjoni tal-avviz legali 233/2005 sad-data effettiva ghas-saldu kif ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali 2551/12 u ta' din l-istanza u dan stante li s-Socjeta' attrici giet imqabbda mill-intimat sabiex taghmel xoghol ta' manutenzjoni u tlestija ta' swimming pool tal-istess intimat; li x-xoghol nbeda u lahaq saru xoghlijiet ta' brix u 'power washing' meta l-intimat ddecieda arbitrarjament illi jittermina l-inkarigu; s-Socjeta' kienet irtirat minn fuq il-post tax-xoghol fuq struzzjonijiet tal-intimat u talbet hlas ghax-xoghol li lahqet ghamlet; ta' min jispecifika li x-xoghol twaqqaf kif appena tlestiet l-aktar parti "tedjanti" u difficli jigifieri tal-brix u mbaghad l-intimat kompla x-xoghol taz-zebgha ghal rasu; li eventwalment giet

mibghuta 'invoice' datata 21 ta' April, 2012 u anke ittra ufficjali datata nhar il-31 ta' Ottubru, 2012.

Ra r-risposta tal-intimat a fol 4 li permezz taghha eccepixxa li l-pretenzjoni hi wahda infondata fil-fatt u fid-dritt; li l-ftehim t'appalt twaqqaf minn Mario Gauci ghaliex ix-xoghol ma kienx qed isir sew da parti tas-Socjeta' attrici; li b'dak l-ebda hlas ma hu dovut stante li x-xoghol ma twettaqx skont is-sengha u l-arti hekk kif tirrikjedi l-ligi; salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.

Ra l-affddavit ta' Kevin Zammit a fol 13 et li permezz tieghu xehed li huwa Direttur tal-kumpanija attrici u li kien ikkuntatjat mill-konvenut biex jaghmel xoghol li ghandu x'jaqsam mas-swimming pool li ghandu fid-dar gewwa 'Punentina', Triq il-Prekursur, tal-Ibragg. Kienu iltaqghu biex jara x'kien jinvolvi x-xoghol u jaghmillu stima. Ix-xoghol li kellu jsir bazikament kienet zebgha gdida mal-wicc kollu tal-pool, li jinvolvi timbarax/titnehha z-zebgha l-qadima, mbaghad jitnaddaf il-wicc halli jkun hemm qabda tajba u fl-ahhar tinghata z-zebgha l-gdida. Huwa kien avza lill-konvenut li b'kull tip ta' intervent fuq iz-zebgha l-qadima tas-swimming pool partikolarment brix jista twassal li jidhru xi 'cracks' jew 'hair cracks' fil-kisi ta' taht iz-zebgha u avzah ukoll li jekk wara jara il-brix johorgu xi 'hair cracks' fil-kisi dan ma jfissirx li l-kisi jkollu jsir mill-gdid ghax dawn il-'hair cracks' jistghu jigu trattati biz-zebgha l-gdida jew b'materjal apposta u x-xoghol jigi tajjeb l-istess. Huwa spjega li t-tnehhija taz-zebgha l-qadima jista jsir jew bis-sand blasting jew bil-brix. Huwa eskluda li juza s-'sand blasting' ghax ma kienx l-ahjar metodu biex tippreserva l-integrita' tal-kisi ta' taht u uza l-brix permezz ta' 'power tools' u anke bl-idejn fil-partijiet l-aktar antipatici.

Eventwalment il-konvenut iddecieda li x-xoghol fuq il-'pool' kellu jibda u kien ha l-parir tax-xhud li jekk jitfaccaw xi 'hair crack' dawn kellhom jigu trattati bl-istess zebgha gdida li kellha ssir jew ghal tal-apposta. L-istima tieghu ghal dan ix-xoghol kollu kienet ta' elf u mitejn ewro (€1,200).

Gara li bejn is-27 u 30 ta' Gunju, 2011 inbeda x-xoghol liema xoghol kien sar skont s-sengha u l-arti. U meta x-xoghol kollu tal-brix u tal-'power washing' kien lest fejn prattikament kien jonqos biss z-zebgha l-gdida u xi rqaqat ohra kien cempillu l-konvenut u b'ton aggressiv esprima dubji fuq ix-xoghol li ghamillu u wiegbu li ma setghax jifhem wara li qdieh malajr u li kien qed jissuspetta li inqeda bih biex jevita li jaghmel x-xoghol tal-brix hu. Spjega x-xhud li kieku l-attur inkarigah jaghmillu biss x-xoghol tal-brix u power washing ma kienx jaccetta li jidhol ghaliha. Il-konvenut qallu biex ma jkomplix ix-xoghol u meta talbu biex ihallsu s-somma ta' hames mija tmienja u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€578.20c) l-konvenut baqa' ma hallsux. Tali pagament huwa muri fl-'invoice' li harget is-Socjeta' attrici a fol 15 u guramentat mill-istess Kevin Zammit.

In kontro-ezami (seduta 08 ta' Lulju, 2016) Kevin Zammit xehed li x-xoghol li kellu jaghmel kienet tnehhija taz-zebgha l-antika, l-'preparation', u 'preparation' ghaz-zebgha l-gdida u l-ghotja taz-zebgha l-gdida u kkonferma li meta inkariga l-konvenut kien hu li qallu li biex ix-xoghol isir sew hemm bzonn li jimbarax iz-zebgha u mbaghad issir z-zebgha l-gdida. Izda jinnega li kien assikurah li x-xoghol ser jaghmlu hu personalment u xehed li l-kumpanija tieghu kienet ser taghmlu u baghat lil haddiema tieghu jaghmluhulu. Innega wkoll li l-konvenut ghamillu premura li l-kisja originali tal-'pool' ma tintmessx.

Zammit kompla in kontro-ezamzi jixhed li huwa mar fuq il-post darbtejn, darba biex ta l-istima lil konvenut u darba ohra biex wera l-haddiema tieghu fejn hu l-post u x'ghandhom x'jaghmlu. Xehed li s-sander ikun hemm fejn ihalli marki fuq l-pool izda l-marki u l-'hair cracks' li jhalli bil-primer taz-zebgha l-gdida u bl-'undercoat' taz-zebgha l-gdida jitkoprew totalment u jigi rega x-xoghol 'finished' kif suppost. Huwa jichad li l-konvenut kemm il-darba wera t-thassib tieghu dwar ix-xogholijiet mieghu u kien biss darba meta haslu l-pool li esprima d-dubju tieghu u qallu biex jieqaf.

Ra l-affidavit a fol 16 ta' Louis Mifsud, lavrant mas-Socjeta' attrici li spjega x-xoghol li sar fis-swimming pool tal-attur u li wara hu ghamlu l-brix bis-sander u bl-idejn partikolarment fl-irkejjen tal-pool, u haslu l-brix kollu, haslu l-wicc tal-kisi permezz tal-power washer halli z-zebgha l-gdida tkun tista taqbad u li wara l-hasil x-xoghol kien jidher tajjeb u lest ghaz-zebgha l-gdida, Kevin Zammit qallu li mhux ha jkomplu jahdmu fuq dik il-pool u ma reghax mar fuq il-post.

In kontro-ezami (fol 48 et) Mifsud xehed li f'dan it-tip ta' xoghol ghandu hafna esperjenza u minn meta beda jahdem ilu f'dan ix-xoghol. Illum il-gurnata huwa bennej. Kemm ilu jahdem mas-Socjeta' attrici ma' kienx jaf pero bdew jahdmu kemm huwa u kemm Kevin Zammit fl-istess zmien. Xehed li Kevin Zammit kien gieli jmur jittawwal fuq l-lant tax-xoghol u ma kienx idum hemm. Xehed li x-xoghol sar bis-sander u li sander u grinder l-istess haga skont id-diska li tuza u li huma uzaw dik tal-brix. Xehed li fejn il-konvenut ma kienx joghgbu x-xoghol kienu jirrangawh u xehed li l-ahhar gurnata tax-xoghol marru jahslu s-swimming pool u l-konvenut ma kienx prezenti izda wara ftakar li l-ahhar gurnata tax-xoghol kienet meta marru jigbru z-zebgha u meta habtu s-sid qallhom li z-zebgha ghadha fejn hallewha biex imorru johduha u hekk ghamel. Xehed li z-zebgha hadha fuq ordni tal-imghallem Kevin u mhux ghax il-konvenut qallhom li ma riedhomx aktar fuq il-lant tax-xoghol. Iz-zebgha kienu ghadhom ma bdewx juzawha.

A fol 54 xehed il-konvenut izda ma kienx qed ihossu tajjeb u x-xhieda tieghu giet sospiza.

Fis-seduta tat-08 ta' Lulju, 2016 il-konvenut xehed bil-procedura tal-affidavit li kien inkariga lil Kevin Zammit ghal dan ix-xoghol u li kien assigurah li x-xoghol kien ser jaghmlu hu u jgib lavrant iehor biex jghinu. Kien qallu biex joqghod attent li mat-tqaxxir

ma jmissx il-kisja originali tal-pool ghax jaf li jekk issir hsara fiha qatt ma terga tissewwa kompletament u ghalhekk ghandha titqaxxar biss iz-zebgha l-antika u Zammit serrahlu rasu li kellu l-ghodda apposta biex it-tqaxxir isir minghajr hsara fil-bazi tal-pool u li permezz taghha titqaxxar iz-zebgha biss. Kien imur ghax-xoghol u ftit wara li nbeda x-xoghol kienet ccempillu martu u tghid li qed jaghmlu hafna duhhan. Filghaxija cempel lil Kevin Zammit u qallu biex ma jinkwetax ghax kien jaf x'inhu jaghmel. Sadanittant kien ghadu ma jafx li x-xoghol mhux jaghmlu hu u l-ghada stennieh biex ikellmu izda Kevin Zammit kien wassal zewg lavranti u baqa' sejjer u ghalhekk ma lahaqx kelmu u meta gie lura mix-xoghol sab il-pool imqaxra miz-zebgha kollha barra fl-irkejjen u xi rqajja ohra u nnota li fil-kisja tal-pool kien hemm hafna partijiet imtajra u diversi daqqiet liema daqqiet kienu jindikaw li saru bil-grinder. Innota wkoll li l-pool kien diga inhasel u lest biex jinghata z-zebgha li lahqu gabu fuq l-post. Cempel lil Kevin Zammit u qallu li l-pool kif inhu biz-zebgha l-antika fl-irkejjen u bnadi ohra u b'dawk id-daqqiet ma setax jinzebagh u b'hafna hlewwa qallu biex ihalli f'idu u li kien ser jirranga kollox.

L-ghada stennihom jigu ghax-xoghol u nnota li l-lavranti kienu ser jaqbdu jizbghu fuq li kien hemm kuntrarju ghal dak li kien ftiehem ma' Kevin Zammit u rega cempel lil Zammit u qallu li hu kien kiser l-ftehim ghax ix-xoghol kellu jaghmlu hu personalment u kellu jsir minghajr hsara u ghalhekk x-xoghol ried iwaqfu jekk ma kienx ser isir kif ftehmu u jirranga l-hsarat. Zammit baqa' jghidlu biex ihalli f'idejn izda l-konvenut ma riedx li tkompli ssir il-hsara u ghalhekk qal lil-lavranti biex ma jkomplux u jitilqu l'hemm. L-ghada cempillu Kevin Zammit biex imur ghal laned taz-zebgha u qallu iva u bghat lil xi hadd mil-lavranti jigbor iz-zebgha. Wara ftit xhur cempillu ghal hlas izda huwa rrifjuta ghaliex kienet saret wisq hsara u kellu jhallas kuntrattur iehor biex jaghmillu x-xoghol. Xehed li sal-lum il-'pool' ma ttrangax kompletament ghaliex bid-daqqiet tal-'grinder' kienu missew il-qoxra protettiva tal-pool li tkun 'waterproof' u ghalhekk baqa' jaghmel ftit ilma meta qabel ix-xoghol ta' Zammit huwa qatt ma kellu problemi minn dawn.

In kontro-ezami (seduta 08 ta' Lulju, 2016) il-konvenut xehed li l-istima originali jahseb li kienet elf u tmien mitt ewro (€1,800) u rega kkonferma li kellu jqabbad kuntrattur iehor li kellu jirranga l-hsara u mbaghad iz-zebgha. Xehed li z-zebgha kellha titnehha kollha u ma kienetx tnehhiet kollha, il-'proofing coat' tal-'pool' ma kellhiex tintmess u tmesset ghal darba, tnejn, tlieta u li ntuza 'grinder' u mhux 'sander' kif qed jghid Kevin Zammit. Huwa kkonferma li waqfu huwa mix-xoghol lil Zammit u li l-kont ma hallsux. Huwa pprezenta ritratti li juru l-hsarat li kien ghamel il-'grinder' u li lil min qabbad wara qalulu li ma jistghux jittrangaw. Dawn ir-ritratti huma mmarkati Dok MG1 u Dok MG2. Xehed li fejn qabel il-'pool' kien jaghmlu kull hames snin kemm ilu li missitu s-Socjeta' attrici kellu jaghmlu darbtejn ohra minn dak iz-zmien.

Ra l-verbal tas-seduta tat-08 ta' Lulju, 2016 li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw li ghalqu l-provi u ttrattaw il-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi din hija azzjoni sabiex is-Socjeta' attrici tithallas ghax-xogholijiet li lahqet ghamlet sakemm il-konvenut ittermina dan ix-xoghol lis-Socjeta' attrici. Is-Socjeta' attrici tikkontendi li l-konvenut ma gab ebda prova ghaliex kellu jittermina x-xoghol u li huwa qed jitlob li jithallas tax-xoghol li lahaq ghamel; filwaqt li l-konvenut jikkontendi li huwa ma ghandux ihallas lis-Socjeta' attrici ghax ix-xoghol sar hazin tant li kellu jqabbad kuntrattur iehor, li Kevin Zammit Direttur tas-Socjeta' attrici ma kienx hu li ghamel ix-xogholijiet kif wieghed lill-konvenut, u li ghax fuq l-lant tax-xoghol qatt ma resaq biex jiccekja x-xoghol li kien qed isir .

Il-fatti ewlenin li jirrizultaw mill-atti tal-kawza juru li l-konvenut kien inkariga lis-Socjeta' attrici sabiex taghmillu xogholijiet fil-pool tad-dar tieghu u li sussegwentement meta l-konvenut ma ghogbux ix-xoghol li kien qed isir, huwa ttermina dan ix-xoghol lis-Socjeta' attrici u ghalhekk din tal-ahhar qed titlob li tithallas is-somma ta' hames mija u tmienja u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€578.20c) tax-xogholijiet li lahqet ghamlet liema somma l-konvenut qed jirrifjuta li jhallas ghax ix-xogholijiet skont hu ma sarux skont il-ftehim patwit u ma sarux skont l-arti u s-sengha.

Illi dwar it-temm tal-kuntratt tal-appalt il-ligi tippreskrivi li min jaghti appalt lil haddiehor jista jholl x'hin irid il-ftehim ukoll jekk ix-xoghol ikun inbeda. (Ara Artikolu 1640(1) tal-Kap 16). Il-qofol ta' tali jedd huwa l-aspett unilaterali tieghu u jidher li tali jedd huwa mibni fuq dak li jiddisponi l-Artikolu 1671 tal-Kodici Civili taljan. Kif gie mfisser f'dan il-kuntest, "*tale diritto puo essere fatto valere senza darne giustificazione alcuna e zenza necessita' di accettazione dell'altro contraente, trattandosi di recesso ad nutum che si perfeziona onla notizia datane all'appaltatore e al prestatore d'opera e che puo essere esercitato in qualsiasi momento successivo alla conclusione del contratto . quidi, sia quando le opere non abbiano avuto ancora inizio, sia nel corso della loro esecuzione, sia in epoca prossima al loro complimento*". (*Vassazione 14.6.1972 no. 1807*).

Illi fir-rigward tal-jedd tal-appaltant li jaghzel li jtemm il-kuntratt l-ligi ma taghrafx bejn jekk il-kuntratt ta' kiri ta' xoghol u ta' industrija jkun maghmul ghal zmien stabilit jew jekk ikunx maghmul ghal zmien indefint jew minghajr terminu. Id-distinzjoni wahdanija maghmula mil-ligi taghna hija dwar jekk l-appaltant kellux raguni tajba jew le biex iwaqqaf lill-kuntrattur milli jkompli bix-xoghol.

Illi jekk il-kuntratt jinhall ghal raguni tajba, min jaghti x-xoghol huwa obbligat ihallas lill-appaltatur biss il-prezz tal-materjal li jkun intuza fix-xoghol li jkun lahaq gie konsenjat lilu minn min jaghti x-xoghol (Art 1640(3) Kap 16), liema prezz jithallas ukoll minn xi hlas akkont li l-appaltant ikun wettaq bil-quddiem lill-appaltatur. Dan ghandu

min-naha tieghu irodd lura lil min qabdu jaghmel ix-xoghol dik il-parti mis-somma mhallsa lilu bil-quddiem li tkun tisboq il-prezz tax-xoghol li lahaq sar u l-materjal uzat u moghti lill-appaltant (Art 1640(4) tal-Kap 16).

Illi fil-kaz fejn ikun hemm raguni tajba biex l-appalt jinhall, kull hlas li jista jippretendi l-appaltatur ghandu jitkejjel mal-utilita' li l-appaltant ikun ha tax-xoghol li lahaq sar u kif ukoll mal-hsara li l-appaltant ikun garrab minhabba li kien imgieghel itemm l-appalt.

Illi min-naha l-ohra jekk min jaghti x-xoghol itemm il-kuntratt ghal raguni li mhix wahda tajba hu ghandu jhallas lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu li dan ikun lahaq wettaq flimkien ma' somma meqjusa mill-Qorti li ma tkunx tizboq il-qliegh li l-kuntrattur seta' ghamel kieku thallas itemm l-appalt (Art. 1640(2) tal-Kap 16). Specifikament jinghad li "*L'indennita che l-Articolo 1671 concede all'appaltatore, essendo comprensiva del rimborso delle spese sostenute, dell importo dei lavori gia eseguiti e del mancato guadagno cioe di tutto il lurcro cessante e di tutto il danno emergenti, abraccia tutti quei danni che sarebbero risarcibili in caso di risoluzione per inadempimento, cosicche' gli effetti del recesso unilaterali si riconducono sostanzialmente a quelli di un inadempimento e non eccedono quanto alla misura del danno risarcibile, quello dovuto in caso di inadempimento " (Superto-Pescatore Codice Civile Annotato (7a Ediz) pag. 1726.*

Illi meta l-ligi issemmi "raguni valida" wiehed irid jifhem din l-frazi fid-dawl tal-imgieba tal-appaltatur waqt l-ezekuzzjoni tal-appalt. Trid tkun raguni li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-appaltatur mal-appaltant fis-sens tal-prestazzjoni (jew nuqqas taghha) tieghu taht il-kuntratt tal-appalt. "Raguni tajba" ghal finijiet tal-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili ma tistax tinftiehem bhala "tajba ghall-appaltant ghax hekk jaqbillu".

Illi l-ligi tghid ukoll li hekk kif min jaghti x-xoghol jgharraf lill-appaltatur li jrid itemm il-ftehim dak l-avviz iservi biex iholl minnufih il-kuntratt minghajr il-htiega ta' ebda konferma jew awtorizzazzjoni minn xi Qorti. (Art 1640(5) tal-Kap 16).

F'dan il-kaz in materja t'appalti ghandhom jigu ribaditi certi principji:

1. Min intraprendi xogholijiet ghandu jassikura l-ewwelnett l-adempjenza tal-ftehim patwit u fuq kollox li jippresta opra sodisfacenti. Dan fis-sens li ghandu b'obbligu jara li x-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'il quddiem juri diferri. (Vol. XLII. P II p 1003);

2. Fir-rigward l-mod tal-hlas kompetenti lill-appaltatur jidher li fid-dottrina saret distinzjoni skont il-mod kif ikun gie lilu kommissjonat ix-xoghol. Jekk il-prezz gie iffissat ghal kull unita' l-appaltatur ikollu dritt jithallas tax-xoghol maghmul; jekk

il-prezz ikun wiehed ghax-xoghol kollu, allura jekk ix-xoghol ma jkunx kompeletat u sewwa l-appaltatur ma jkollux dritt ghal ebda parti mill-hlas (**Carmelo sive Charles Mallia vs Ivan John Fonk** Appell Civili 24 ta' Jannar, 1975).

3. Dan jiddependi min-natura tad-difett riskontrat. Jekk id-difetti ikunu ta' certa gravita' l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-"*exceptio non rite adempleti contractus*" ghad-domanda li ssirlu ghal hlas (**Francis Spiteri noe vs Emmanuele Cassar** Appell Civili 14 ta' Marzu, 1975). Jekk minn naha l-ohra d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawn id-difetti jigu riparati (Vol XXX P II p 433) jew jaccetta riduzzjoni (**Angelo Busuttil vs Pio Fedele et.** Prim Awla Qorti Civili 9 ta' April, 1968, Victor Tabone vs Felix Mifsud Prim Awla Qorti Civili 5 ta' Ottubru, 1994).

Dan normalment jissucciedi fejn ikun jirrizulta li x-xoghol ezegwit ikun affett minn vizzji sostanzjali li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita' taghha, b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-desitnazzjoni proposta mill-kommittenti jew indikata minn natura stess tax-xoghol (**Robert Micallef vs Joseph Mamo proprio et nomine** Vol XXX P III p 433).

Ghar-rigward ta' prova f'din l-istanza nsibu li s-Socjeta' attrici giet kommissjonata mil-konvenut tezegwixxi xogholijiet fl-iswimming pool tad-dar tieghu. Il-konvenut oppona t-talba ghal hlas bl-eccezzjoni principali li l-appalt ma giex ezegwit skont l-arti u s-sengha, s-Socjeta' attrici weghditu li x-xogholijiet kellhom isiru minn Kevin Zammit mentri fil-fatt saru mil-lavranti, u li s-Socjeta' attrici kkawzatlu danni fis-'swimming pool' tieghu li ghadu jsofri sal-lum stante li s-'swimming pool' ghadha 'tillikja' sal-lum u li ghalhekk skont hu din hija raguni valida ghaliex ma ghandux ihallas lis-Socjeta' attrici tax-xogholijiet li lahqet ghamlet.

Illi l-konvenut pprezenta ritratti biex juri kif ix-xogholijiet hziena ghadu jbati bihom sal-lum izda ma gab l-ebda prova dwar ix-xogholijiet rimedjali li huwa jghid li saru minn kuntrattur iehor li kellu jinkariga biex isewwi fejn is-Socjeta' attrici ghamlet hazin bhal ma gab l-ebda prova li s-'swimming pool' ghadha qed 'tillikja' minhabba x-xogholijiet hziena li huwa qed jghid li saru mis-Socjeta' attrici u ghalhekk dan it-Tribunal wara li ezamina l-provi prodotti jasal ghal konkluzjoni li l-konvenut ma gab l-ebda prova li x-xoghol sar hazin.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' hames mija u tmienja u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€578.20c) bl-imghaxijiet mid-data ta' meta giet

istitwita t-talba fl-24 ta' Dicembru, 2012 u mhux mid-data tal-ittra ufficjali stante li ebda prova ma saret mis-Socjeta' attrici dwar tali att u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**